Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9840 — Macquarie/Fresco International)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 132/11)

1. Fis-16 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Macquarie European Infrastructure Fund 4 LP ("MEIF 4") (ir-Renju Unit), finalment ikkontrollata minn Macquarie Group Limited ("Macquarie") (l-Awstralja),

— Fresco International S.à.r.l ("Fresco International") (il-Lussemburgu), bħalissa kkontrollata bi sħab indirettament minn Macquarie and Kuwait Investment Authority ("KIA") (il-Kuwajt).

MEIF 4 takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Fresco International kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie: Macquarie hija kumpanija tal-investiment b'interessi f'għadd ta' kumpaniji f'diversi setturi tal-industrija, fosthom iżda mhux biss l-interessi f'utilitajiet tal-enerġija fl-Ewropa,

— Fresco International: Fresco International hija l-kumpania azzjonarja tal-Viesgo Group. Il-Viesgo Group huwa inkorporat fi Spanja, b'interessi f'network tad-distribuzzjoni tal-elettriċità fi Spanja u assi tal-ġenerazzjoni tal-elettriċità kemm fi Spanja kif ukoll fil-Portugall. Fresco International bħalissa hija kkontrollata bi sħab b'mod indirett minn Macquarie u KIA.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9840 — Macquarie/Fresco International

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.